**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 43 – 15 ta' Jannar 2015**

***Minuti tal-43 laqgħa tal-Kunsill tas-Seba'Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2015.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 43. Il-laqgha bdiet fis-6:35 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Vici-Sindku |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Joseph Fsadni | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| **Skużati:** | Hadd | |
| **Assenti:** | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| **Pubbliku:** | Robert S. Tabone | Works Co-Ordinator |
| | Dr. Massimo Ellul | Konsulent |
| **Ufficċjal prezenti:** | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv |

**QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-Minuti ta’ Agenda 41 li ttiehdu waqt il-laqgha ta’ nhar it-Tlieta 4 ta’ Dicembru 2014. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Il- Kunsilliera Catherine Sammut ipproponiet li dawn il-minuti jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut , Cain Grech, Duncan Bartolo

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** il-Vici Sindku Thomas Agius u l-Kunsillier Joseph Fsadni

Il-minuti ġew approvati (178).

1.2 Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-Minuti ta’ Agenda 42 li ttiehdu waqt il-laqgha ta’ nhar it-Tlieta 23 ta’ Dicembru 2014. Is-Sindku kkummenta li l-gurnata tad-data tal-laqgha kif murija f’pagna 265 m’hijiex il-Hamis imma t-Tlieta. Il- Kunsillier Duncan Bartolo ippropona li dawn il-minuti jigu approvati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Joseph Fsadni.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici-Sindku Thomas Agius, l-Kunsilliera Philip Said, Duncan Bartolo, Joseph Fsadni

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** il-Kunsilliera Cain Grech, George Cortis u Catherine Sammut

Il-minuti ġew approvati (179).

## 2 HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku Alfred Grixti semma lill-Inginier Capone rega’ ghal darb’ohra tkellem mas-Sindku sabiex jara ezattament fejn jistghu jitwahhlu l-pannelli. Il-Kunsill gie mgharraf bl-ezitu ta' din il-laqgha li ghandha twassal sabiex, jekk l-Inginier Capone jibqa' juri dan il-livell ta' interess, ikun hemm inizjattiva ohra gdida b'risq iz-Zebbugin mill-Kunsill u s-settur privat.

2.2 Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-arbli li l-Kunsill kien iddecieda li jordna fil-fatt gew ordnati u sal-ahhar ta’ Frar suppost ghandhom jaslu Malta.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju ressaq korrispondenza dwar applikazzjoni ghal “Capital Projects Scheme”, liema applikazzjoni trid tasal sal-ahhar ta’ Jannar 2015. B'din l-iskema, il-Kunsill ikun qed igawdi minn fondi addizjonali mill-fondi allokati lilu mill-gvern centrali.

Il-Kunsill iddecieda li ghandhom jitressqu dawn iz-zewg proposti:

a. Irrangar tal-Bandli u Gnien l-Infetti – Il-Kunsill iddecieda li ghandha tigi prezentatat l-istima tal-Perit Buhagiar hekk kif prezentata minnu, kif ukoll ir-rapport li nhareg mill-MCCAA dwar l-istat li jinsab fih dawn il-bandli.
b. L-arbli u l-Luminairs ta’ Vjal il-Helsien li diga gew installati u qed jaghtu is-servizz taghhom.

Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li ghandhom jitressqu dawn iz-zewg proposti. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici-Sindku Thomas Agius, l-Kunsilliera Philip Said, Duncan Bartolo, Joseph Fsadni, Cain Grech, George Cortis u Catherine Sammut.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-proposta ghaddiet (180).

3.2 Is-Sindku Alfred Grixti qal li rcieva ittra minghand id-Direttur Generali tal-Edukazzjoni George Borg fejn dan qalilna li nistghu naghmlu uzu sabiex isiru lezzjonjijiet fis-sala tal-Iskola Sekondarja hlief meta jsiru l-ezamijiet tal-Matsec.

Sadanittant ghaddiet korrispondenza bejn il-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug u d-Dipartiment tas-Sahha, sabiex tigi mistharrga l-possibilita li s-sessjonijiet tal-aerobics li bhalissa qed isiru Hal Qormi, jibdew isiru wkoll Haz-Zebbug.

Sadanittant is-Sinjur Godfrey Gatt u s-Sinjura tieghu qalu li lesti li jaghtu l-lezzjonijiet taz-zfin lin-nies ta’ etajiet differenti darba fil-gimgha ghal siegha. Huma lesti li jgibu l-apparat kollu li hemm bzonn.

Kien hemm kunsens mill-kunsilliera prezenti kollha sabiex is-Segretarja Ezekuttiv taghlaq dawn iz-zewg inizjattivi mal-awtoritajiet relatati halli fix-xahar ta' Frar/Marzu jithabbru lezzjonijiet mill-Kunsill, kemm ghaz-zfin Zumba u kif ukoll ghaz-zfin Ballroom u Latin.

3.3 Korrispondenza imsejjha Case no. 412/14

Is-Sindku Alfred Grixti qal il-Kunsill ta’ Haz-Zebbug, bhas-36 kunsill l-ohra li ghandhom zbilanc finanzjarju, ircieva ittra minghand il-Monitoring Unit fi hdan id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Ghaldaqstant is-Sindku Alfred Grixti qara din il-korripondenza lill-Kunsilliera kollha li kienu prezenti.

Is-Sindku kompla jghid li dan l-impjegat fil-Monitoring Unit ma kellux ragun storiku, logiku u finanzjarju sabiex jikkummenta b'dan il-mod fuq deficits finanzjarji ta' 36 Kunsill, li kollha ntefghu fl-istess keffa minn dan il-Unit. In-Negative Working Capital tal-Kunsill ta' Haz-Zebbug gej ghall-fatt li sar investiment qawwi ferm gewwa Haz-Zebbug u ghaldaqstant zdiedu l-assi tal-Kunsill, li issa jmissu t-tlett miljun Ewro. L-istess investiment qed iwassal sabiex ammont sostanzjali fis-sena qed izid id-dipprezzament ta' l-istess assi, liema diprezzament jigi meqjus bhala spiza u ghaldaqstant ikompli jzid l-izbilanc. U fuq kollox dawn l-assi ma jistghux jinbieghu minhabba li huma toroq.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li qabel ma saru il-progetti infrastrutturali, dejjem kien hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment ghal dawn il-progetti. Dawn kienu:

1. Il-PPP ta' Hal Mula – liema tender u kundizzjonijiet tat-tender kienu uniformi bejn il-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Ghawdex u liema specimen tat-tender inhareg mid-Dipartiment stess.
2. Vjal il-Helsien – Kien hemm konsultazzjonijiet anke mal-OPM meta kien ser jibda il-progett ta' Vjal il-Helsien, fejn il-Gvern dak iz-zmien ghadda Eur400,000 bhala ghajnuna.

Il-Kunsillier George Cortis qal li huwa kollu minnu li l-Kunsill Lokali ghamel dawn l-investimenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li r-riposta li ser jghaddi hu lid-Dipartiment ser tkun f'dan is-sens. Huwa kompla jghid li l-President tal-Kunsilliera Laburisti, s-Sur Mario Fava, baghat ittra lid-Dipartiment fejn dan spjega li ma kienx sew li din l-ittra tintbaghat hekk minghajr qatt qabel ma ngibdet l-attenzjoni. Il-Kunsilli Lokali nghataw ir-responsabbilita tat-toroq minghajr ma kien hemm upgrade ta' dawn it-toroq qabel ma nghataw lill-Kunsilli Lokali. Il-verita' hi li l-PPP saret biex jigu aggevolati l-kuntratturi sabiex jinholoq ix-xoghol. Il-PPP huwa mfassal sabiex il-hlasijiet isiru bin-nifs.

Huwa ghalhekk li n-Negative Working Capital tal-Kunsill ta' Haz-Zebbug huwa sostenibbli minnhabba l-fatt li mill-ewwel gurnata saru l-kalkoli kollha sewwa halli l-pagamenti relatati jithallsu fi zmien sitt snin u mhux f'daqqa. Il-Kunsill qieghed jonora kull ftehim li ghandu mal-kuntratturi relatati ma' hlasijiet u, fil-kaz ta' Vjal il-Helsien, hallas lill-kuntrattur b'numru ta' xhur bil-quddiem.

F'dan il-kuntest, is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsillier Roderick Aquilina qed jghid li l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug ma ghamel xejn f'dawn l-ahhar tlett snin, hlief il-gnien tal-Grazzja. Ghaldaqstant is-Sindku qal li ser isemmi uhud mit-toroq li saru f'din il-legislatura sabiex ifakkar lil dawk li nsew x'wettaq il-Kunsill;

1. Triq il-Poeta Nazzjonali

2. Triq Guliermu Lorenzi
3. Triq Abram Gatt
4. Triq Hal Mula
5. Triq l-Indipendenza
6. Triq Dun Salv Trevisan
7. Triq il-Fuqqanija
8. Triq Frans Sammut
9. Triq Mifsud Tommasi
10. Sqaq il-Qenc
11. Sqaq tal-Hlas
12. Triq it-12 ta' Mejju
13. Triq tal-Hlas
14. Triq Guze Abela
15. Triq il-Kacca
16. Barra minn dawn it-toroq kollha, tkompliet Vjal il-Helsien li sa dak iz-zmien kienet ghadha saret naha wahda biss. Din fil-fatt infethet ufficjalment f'Mejju 2013, u kienet, wahedha, l-ikbar investiment infrastrutturali li qatt sar gewwa Haz-Zebbug.
17. Sar ukoll il-Gnien tal-Grazzja li kwazi hu kollu ffinanzjat mill-Urban Improvement Funds.

Barra minn hekk saru wkoll il-courses tal-kompjuter gewwa Haz-Zebbug li kellhom attendenza ta' aktar minn 500 persuna. Sar l-investiment ta' upgrading tal-librerija u wara, fit-tieni fazi ta' dan l-investiment, gew ordnati diversi kotba li issa lanqas hemm xkaffar bizzejjed. Il-Kunsill nieda u lesta skema ohra ta' Euros 50,000 ghall-upgrading ta' numru ta' blokok gewwa l-Housing Estates, nefaq somom ta' flus fuq bankini godda madwar Haz-Zebbug, intervjena b'mod dirett b'success sabiex il-progett tal-Flood Relief Project ikun estiz u jkopri ferm aktar zoni f'Haz-Zebbug, sar ir-refurbishment shih tal-latrini pubblici, l-upgrading tad-dhul minn kull triq li taghti minn u lejn Haz-Zebbug u bosta xoghlijiet ohra.

Dan kollu minghajr ma nsemmu l-lista shiha ta' attivitajiet u inizjattivi li ttiehdu b'mod regolari mill-kunsill, tista' tghid ta' kull xahar.

Is-Sindku kompla jghid li minhabba li hu mexxa kif mexxa, gawda r-rispett tal-Gvern tal-gurnata u dahal ghal kull progett proprju bl-inkoraggiment tal-Gvern. Per ezempju, meta giet inawgurata Vjal il-Helsien, din infethet mill-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat. Pero kien mistieden anke Dr. Gonzi u Dr. Said li ma setghux ikunu prezenti dakinhar.

Is- Sindku Alfred Grixti fakkar kif waqt il-progett li kien ghaddej gewwa Hal Mula, il-Kunsillier Roderick Aquilina ma riedx li jaghti l-kontribut tieghu bhala l-“minority leader” u jintervjeni mal-Gvern ta’ dak iz-zmien sabiex jilghab il-loghba politika tieghu, att li huwa ddokumentat fil-minuti tal-Kunsill u att li gie kkritikat minn kulhadd inkluz mill-kollegi tieghu.

Il-kunsilliera kollha prezenti qablu ma dan il-kumment u l-hsebijiet tas-Sindku.

Il-Kunsillier Philip Said qal li jhossu komdu jghid li meta hu personalment saqsa lill-awdituri li kien hawn prezenti waqt il-laqgha dwar l-Accounts tas-sena 2013, jekk kienx hemm xi misapproprijazzjoni ta’ fondi, it-twegiba kienet fin-negattiv. Huwa qal li jhossu urtat meta jisma’ li l-Kunsill ma ghamel xejn, aktar u aktar minhabba l-fatt li fl-ahhar pubblikazzjoni tal-Kunsill huwa kkontribwixxa permezz tal-artiklu tieghu u kiteb zewg faccati dwar x’wettaq il-Kunsill tul dawn l-ahhar tlett snin.

Is-Sindku tenna jghid li l-hadd m’hu perfett, ghax idejat hemm hafna! Min m’ghandux idejat qed jinfexx f’tghajjir personali.

Kien hemm qbil unanimu sabiex is-Sindku jghaddi ir-riposta tieghu lid-Dipartiment f’dan is-sens.

Sadanittant is-Sindku ppropona li tigi sospiza l-laqgha sabiex il-Kunsill ikun jista’ jitkellem ma’ Godfrey Gatt dwar lezzjonijiet taz-zfin. Il-laqgha damet sospiza mis-7.00pm sas 7:20pm.

Meta tkompliet il-laqgha il-Kunsill qal li f’isem il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lil Godfrey Gatt u lis-Sinjura tieghu ghaliex lesti li jaghtu dawn il-lezzjonijiet nhar ta’ Hamis mis-6 sas-7.

4. PERFORMANCE BONUS

Il-laqgha tal-Kunsill giet sospiza sabiex jigu diskuss il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u tal-haddiema tal-Kunsill.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li:

a. Il-haddiema tal-kunsill ghandhom jghaddu l-leave plan ghas-sena 2015

b. Il-Kunsill ghandu johrog bi skeda ta’ meta ghandu jinghalaq il-Kunsill

c. Fix-shutdown ma jistax jittiehed vacational leave.

Wara diskussjoni u evalwazzjoni tal-hidma mwettqa mis-Segretarju Ezekuttiv, l-iskrivani u l-Works Co-ordinator, il-Kunsill iddecieda li jaghti l-massimu tal-Performance Bonus permissibbli.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici-Sindku Thomas Agius, l-Kunsilliera Philip Said, Duncan Bartolo, Joseph Fsadni, Cain Grech, George Cortis u Catherine Sammut.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-proposta ghaddiet (181).

## 5. VOT TAL-FLUS

Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li l-vot jghaddi kif mressaq. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Il-Vici-Sindku Thomas Agius qal li ser ikun qieghed jastjeni minn punti 1, 5, 11 u 34.

Il-kumplament tal-Kunsilliera kienu favur il-vot kollu kif ipprezentat.

Ghaldaqstant il-vot tal-flus ghadda kif prezentat (182)

## 6. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

6.1 Il-Kunsilliera Catherine Sammut saqsiet jekk is-Sindku Alfred Grixti qatt giex mitlub mill-istess kunsilliera sabiex tissemma it-triq tal-Kunsill ghal Frans Sammut. Il-Kunsilliera Sammut qalet li thoss weggha f'qalbha kull darba li tikteb isem ir-ragel fl-isem tat-triq. Is-Sindku Alfred Grixti kkonferma li qatt ma kien mitlub minn Catherine Sammut sabiex din it-triq tissemma' ghal zewgha.

6.2 Is-Sindku Alfred Grixti, meta gie mitlub jikkummenta fuq il-kuntrattur tal-knis, qal li ma jistax ikun li l-kuntrattur tal-knis jibqa ma jipprezentax il-performance bond u lanqas il-*program of works.*

## 1. AGGORNAMENT

Il-laqgha giet aggornata ghat- Tnejn 9 ta' Frar fis-6:30pm.

| | |
|---|---|
| **Alfred Grixti,** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku.** | **Segretarju Ezekuttiv** |